MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 122/2023 LM

**Brian Azzopardi (K.I. nru. 338273M)**
**u Carmen Azzopardi (K.I. nru. 271470M)**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Brian Azzopardi (K.I. nru. 338273M)** u **Carmen Azzopardi (K.I. nru. 271470M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-16 ta' Mejju, 2024 [minn issa 'l quddiem

'is-sentenza appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata l-**Awtorità tal-Artijiet** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità intimata u jiddikjara r-rikors promutur bħala wieħed irritu u null u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors imressaq quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li huma ġew notifikati b'ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità intimata fl-10 ta' Novembru, 2023, fejn għar-raġunijiet hemm indikati, intalbu jiżgumbraw mill-proprjetà mikrija lilhom fi Triq il-Buskett, ir-Rabat, Malta [minn issa 'il-proprjetà'], fi żmien tletin (30) jum. Ir-rikorrenti spjegaw li il-proċedura adoperata mill-Awtorità intimata hija irrita u nulla, stante li hija bbażata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 9 taI-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu li l-ftehim tal-kirja jipprovdi li kull tilwima, kontroversja jew talba li toħroġ mill-kuntratt, ksur, terminazzjoni jew invalidità tal-kuntratt, għandha tiġi deċiża permezz ta' proċedimenti ta' arbitraġġ skont it-Taqsima IV tal-Att dwar l-Arbitraġġ ta' Malta. Ir-rikorrenti qalu li għaldaqstant għandu jirriżulta li t-Tribunal huwa żvestit mill-kompetenza li jissindika din il-vertenza bejn il-partijiet, u l-Awtorità intimata kellha tirrikorri għal proċeduri ta' arbitraġġ, u mhux għal proċedura ta' ittra uffiċjali.

3. Permezz tar-risposta tagħha, l-Awtorità intimata qalet li l-appell tar-rikorrenti qiegħed isir minn Ordni ta' Żgumbrament li nħarġet *ai termini* tal-

artikolu 9 (1)(a) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti. Qalet li din l-ordni saret fil-forma ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Novembru, 2023, kif tgħid il-liġi. L-Awtorità intimata spjegat li r-rikors promutur huwa irritu u null, u talbet li jiġi miċħud mit-Tribunal, għaliex dan ma fih l-ebda talba skont il-liġi, u lanqas ma jikkontesta xi deċiżjoni li hija mingħajr bażi legali, kif jitlob l-artikolu 12 tal-Kap. 573. L-intimata qalet li l-klawsola 27 imsemmija fir-rikors, tirreferi għall-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet ukoll li r-rikorrenti intalbu jirregolaw ruħhom kemm-il darba, tant hu hekk li anki fejn jidħlu arretrati, Brian Azzopardi kien iffirma ftehim addizzjonali sabiex isiru pagamenti ta' kull xahar, iżda minkejja dan il-ftehim, il-konjugi Azzopardi baqgħu inadempjenti. L-Awtorità intimata qalet li r-rikorrenti kienu ilhom konsapevoli tal-fatt li huma ma kinux qegħdin jottemperaw ruħhom mal-kuntratt tal-kirja, u rreferiet għal ġurisprudenza riċenti fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha in vista tal-klawsola arbitrali fil-ftehim. L-Awtorità intimata qalet li r-rikorrenti kienu konsapevoli tan-nuqqasijiet tagħhom, u kien jinkombi fuqhom l-oneru li jibdew proċeduri arbitrali sabiex il-pendenzi bejn il-partijiet jiġu solvuti. Qalet ukoll li minkejja dan kollu, ir-rikorrenti m'għamlu xejn, u injoraw kemm-il darba t-twissijiet tagħha. L-Awtorità intimata qalet li sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, hija ħadet in konsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha, u m'hemm xejn drakonjan fid-deċiżjoni tagħha, għaliex skont l-obbligi imposti fuqha mil-leġislatur *ai termini* tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, hija assigurat li ma jsirux abbużi fuq art li hija proprjetà pubblika. Qalet li hija tkun qiegħda tiżbalja u tikser il-liġi li kieku ma ħaditx id-deċiżjoni tal-iżgumbrament, meta kienet konxja

minn dawn l-illegalitajiet kollha, u kienet talbet lir-rikorrenti jirregolaw ruħhom diversi drabi.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju, 2024, it-Tribunal ċaħad it-talba tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrenti ġew notifikati b'ittra uffiċjali li permezz tagħha ntalbu jiżgombraw minn sit fi Triq il-Buskett, Rabat, Malta stante li kienu morużi fil-ħlas tal-kera, kienu qed jużaw is-sit għal skop differenti minn dak miftiehem u wkoll għaliex kienu qed jiksru l-kundizzjonijiet tal-ftehim li permezz tiegħu ngħataw din l-art b'kera.*

*Illi huma ħassewhom aggravati u ressqu l-appell odjern għaliex qed isostnu li l-proċedura adoperata mill-Awtorità intimata hija waħda irrita u nulla stante li t-terminazzjoni tal-kirja kellha tiġi riferuta liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u dan ai termini ta' dak stipulat f'paragrafu 27 tal-kuntratt iffirmat bejniethom. (fn. 1: dokument CD a fol. 5* et sequitur*)*

*It-Tribunal josserva illi għalkemm ir-rikorrenti adixxew lil dan it-Tribunal biex jisma' l-aggravju tagħhom, fl-istess nifs jikkontendu li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza li jissindika l-vertenza.*

*Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, minkejja l-klawsoli arbitrali li jista' jkun hemm f'kuntratti fejn l-Awtorità intimata hija parti fihom, kwalunkwe persuna li tħossha aggravata bi kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fil-konfront tagħha għandha rimedju ta' appell quddiem dan it-Tribunal, u dan kif del resto jistipula l-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal iqis li r-rikorrenti għamlu tajjeb li ressqu r-rikors tagħhom quddiem dan it-Tribunal. Però min-naħa l-oħra jirriżulta illi l-aggravju tagħhom waqaf fuq il-lat proċedurali tal-kwistjoni mingħajr ma bl-ebda mod attakkaw il-mertu tad-deċiżjoni. Ċertament dan it-Tribunal ma jistax imur oltre dak imsemmi fir-rikors u* di sua sponte *jindaga l-mertu meta lanqas biss it-talba għar-revoka tad-deċiżjoni meħuda ma hemm fir-rikors promutur.*

*U appuntu, permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata eċċepiet li r-rikors promutur huwa wieħed irritu u null stante li ma fih l-ebda talba skont kif titlob il-liġi u lanqas hemm kontestazzjoni tal-mertu tad-deċiżjoni ta' żgumbrament.*

*It-Tribunal josserva illi ai termini ta' artikolu 12 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, min iħossu aggravat b'deċiżjoni ta' żgumbrament mill-Awtorità intimata irid jippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal fejn fih jitlob li jiġi dikjarat li d-deċiżjoni hija waħda mingħajr bażi legali. Illi minn kif inhu redatt ir-rikors promutur, jirriżulta illi ma jissemma ebda aggravju fil-mertu tad-deċiżjoni ta' żgumbrament imma l-uniku aggravju huwa jekk l-Awtorità intimata setgħetx tipproċedi b'ittra uffiċjali għall-iżgumbrament tagħhom mingħajr ma tieħu l-vertenza quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-tweġiba għal din id-domanda hi fl-affermattiv. Il-liġi speċjali, u ċioe l-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, telenka l-proċedura appożita li għandha tiġi segwita f'każ ta' żgumbrament u tara li jkun hemm il-kawteli kollha neċessarji. Illi għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, f'każ ta' żgumbrament l-Awtorità intimata u min iħossu aggravat bid-deċiżjoni għandu jimxi mal-proċedura dettata mill-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, ħaġa li evidentement ma saritx f'dan il-każ stante li ma ġiet imressqa ebda talba sabiex dan it-Tribunal jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell tagħhom, ir-rikorrenti spjegaw li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal tas-16 ta' Mejju, 2024, li laqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, u ddikjara r-rikors tagħhom wieħed irritu u null u astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri dwaru, u għalhekk talbu lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u tiddeċiedi li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jisma' l-każ fil-mertu. L-appellanti qalu li filwaqt li jifhmu li r-rikors promutur seta' kien aktar ċar, huwa evidenti li huma qegħdin jitolbu li t-Tribunal jiddikjara l-proċedura mibdija mill-Awtorità tal-Artijiet bħala irrita u nulla, u dan peress li l-Awtorità intimata kellha tirrikorri għall-proċedura tal-arbitraġġ, filwaqt li l-artikolu 9 tal-Kap. 573

mhuwiex applikabbli. L-appellanti qalu li huwa magħruf u aċċettat li l-formalitajiet li kienu rikjesti fl-antik, bl-emendi fil-liġi u bl-iżviluppi fil-ġurisprudenza, bdew jassumu inqas importanza, u dak li huwa importanti li t-talbiet ikunu jinftiehmu, anke sabiex il-parti avversarja tkun taf x'inhu jintalab qabel tagħmel id-difiża tagħha. L-appellanti qalu li t-Tribunal seta' jissorvola l-kwistjoni tan-nullità billi jissana dak li seta' jiġi ssanat, ladarba m'hemm l-ebda preġudizzju għall-parti intimata. Qalu wkoll li m'hemm l-ebda preġudizzju għall-Awtorità appellata, għaliex jirriżulta li din fehmet tajjeb x'kien qiegħed jiġi sottomess, u fil-fatt din spjegat kif il-proċedura tal-ittra uffiċjali kienet il-proċedura ġusta, u li hija ma kellhiex għalfejn tirrikorri għall-arbitraġġ.

6. L-appellanti qalu wkoll li kieku jridu jfettqu, kienu jargumentaw li s-sentenza appellata hija nulla għaliex din ma ssemmix lir-rikorrenti t-tnejn, iżda tgħid biss "Brian Azzopardi et", meta f'sentenza l-okkju jrid ikun miktub sħiħ. Qalu li fi kwalunkwe każ is-subartikolu 3 tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 jippermetti li l-Qorti tikkorreġi atti li jidhrilha li jeħtieġu korrezzjoni. L-appellanti qalu li ma kien hemm xejn x'iżomm lit-Tribunal milli japplika din id-dispożizzjoni tal-liġi, u anki din il-Qorti tista' tagħmel l-istess. Fi kwalunkwe każ din il-kwistjoni ġiet sorvolata, hekk kif ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanti wkoll ġie kkorreġut sabiex l-ismijiet tal-appellanti jidhru t-tnejn fl-okkju.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-Awtorità appellata wieġbet li r-rikors tal-appell intavolat mill-appellanti huwa frivolu u vessatorju, u mhux fondat. Spjegat li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri ngħatat lill-appellanti b'titolu ta' kera fis-sena 2015 għal skopijiet

agrikoli, u fl-10 ta' Novembru, 2016, l-appellata irċeviet avviż skont l-artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, ċjoé Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, u dan stante li fuq l-art sar żvilupp mingħajr permess. L-Awtorità appellata spjegat li ladarba dawn l-illegalitajiet ma tneħħewx fit-terminu impost, bdiet tiddekorri l-penali għal kull ġurnata. Qalet ukoll li jidher li ftit jiem qabel ittieħdet din id-deċiżjoni, ċertu Martin Farrugia ssottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jirregolarizza dawn l-illegalitajiet, iżda din l-applikazzjoni ġiet rifjutata u nħareġ l-imsemmi Avviż. L-appellata qalet li minn spezzjonijiet ulterjuri li saru, irriżulta li dawn l-illegalitajiet baqgħu ma tneħħewx, u l-penali baqgħu jiddekorru sakemm laħqu l-massimu skont il-liġi. L-Awtorità appellata qalet ukoll li l-appellanti kienu ġew infurmati li kellhom diversi arretrati x'iħallsu, tant hu hekk li l-appellant Brian Azzopardi iffirma ftehim fit-3 ta' Novembru, 2022 sabiex jibda jħallas dawn l-arretrati, iżda dan il-ftehim ma ġiex onorat, u għalhekk l-Awtorità intimata ma kellha l-ebda għażla għajr li tibgħat ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12. Qalu li din l-ittra ma ġietx ikkontestata fit-terminu previst mil-liġi, u għalhekk l-Awtorità appellata għandha titolu eżekuttiv. Qalet ukoll li ladarba l-proprjetà ma kinitx qiegħda tintuża għal skopijiet agrikoli, u tenut kont li l-appellanti kienu konsapevoli tal-arretrati dovuta, u baqgħu ma ħallsux dak dovut minnhom għal aktar minn żewġ skadenzi, l-appellata ma kellha ebda għażla għajr li tibgħat ittra uffiċjali għall-iżgumbrament.

8. L-appellata qalet li donnu li l-uniku aggravju mressaq mill-appellanti huwa li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li r-rikors promutur kien null, u dan għaliex fl-opinjoni tagħhom, filwaqt li jammettu li r-rikors seta' kien aktar ċar, kellu jkun evidenti huma x'kienu qegħdin jitolbu mit-Tribunal. L-Awtorità

appellata saħqet li anki li kieku t-Tribunal kellu jieħu konjizzjoni tal-klawsola arbitrali, l-unika ħaġa li seta' jagħmel it-Tribunal kienet li jwaqqaf il-proċeduri u jissoprassjedi sakemm jiġi determinat l-arbitraġġ. L-appellata qalet li skont l-artikolu 742(3) tal-Kap. 12, il-fatt waħdu li hemm klawsola arbitrali, ma jeskludix il-ġurisdizzjoni tal-qrati. L-appellata qalet li ladarba l-appellanti imxew mod ieħor minn dak li jipprovdi l-artikolu 15(3) tal-Kap. 387, u bdew proċeduri quddiem it-Tribunal minflok irrikorrew quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, l-appellanti tilfu d-dritt li jitolbu s-soprasessjoni. L-Awtorità appellata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li kienu l-appellanti stess li rrinunzjaw għall-klawsola arbitrali. L-appellata żiedet tgħid li mill-assjem tal-provi, għandu jirriżulta li qabel ġiet intavolata l-ittra uffiċjali għall-iżgumbrament, l-appellanti intalbu diversi drabi jirregolaw ruħhom, kemm fuq l-istrutturi irregolari, u anki dwar l-arretrati, u fil-fatt ġiet ippreżentata wkoll ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma ġietx ikkontestata.

9. L-Awtorità appellata qalet li hija ma tistax taqbel li l-formalitajiet meħtieġa f'rikors qegħdin jassumu inqas importanza, partikolarment meta r-rikors bl-ebda mod ma kien ċar fir-rigward tat-talba li qiegħda ssir. Qalet li għalkemm hija għamlet il-punti tagħha dwar dak li ħasbet li kien qiegħed jintalab permezz tar-rikors promutur, xorta waħda jibqa' l-fatt li kif qal it-Tribunal, l-appellanti filwaqt li adixxew lit-Tribunal sabiex jisma' l-aggravju tagħhom, fl-istess nifs qalu li t-Tribunal m'għandux kompetenza li jissindika l-vertenza. L-Awtorità appellata qalet li din hija proċedura żbaljata, u dan għaliex f'każ li l-appellanti xtaqu jinvokaw il-klawsola arbitrali, huma kellhom jagħmlu talba għas-sospensjoni tal-proċeduri.

10. L-appellata qalet ukoll li jekk wieħed kellu jħares lejn ir-rekwiżiti tal-artikolu 12 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, dan jipprovdi li meta persuna tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' żgumbrament, dan għandu jippreżenta rikors quddiem it-Tribunal, fejn jitlob li jiġi dikjarat li d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet tiġi annullata, u żiedet tgħid li fil-każ odjern ma saret l-ebda talba simili. Qalet li fil-każ odjern mhux talli ma saret l-ebda talba li tikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li hija mingħajr bażi legali, imma fir-rikors promutur ma saret l-ebda talba. L-appellata qalet li ladarba kien hemm dan ir-rekwiżit essenzjali nieqes, it-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li dan ir-rikors huwa irritu u null. L-Awtorità appellata qalet li l-appellanti donnhom qegħdin jitolbu li jkun hemm prosegwiment tal-proċeduri fil-mertu, u minkejja dan fir-rikors tagħhom huma bl-ebda mod qegħdin jattakkaw id-deċiżjoni tagħha, u ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar dan. Qalet li għalhekk għal darb'oħra qed tinħoloq konfużjoni, għaliex ladarba l-appellanti jgħidu li t-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza, issa ma jistgħux jipppretendu li t-Tribunal jisma' l-proċeduri fil-mertu. Qalu li s-sentenza tat-Tribunal ma kinitx sentenza preliminari iżda kienet waħda finali, u għalhekk il-partijiet kellhom ċans iressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom. L-appellata qalet li in vista ta' dan, huwa evidenti li r-rikors promutur huwa null u bla effett, u dan għaliex mhux biss sar mingħajr talba, iżda għaliex l-appellanti naqsu wkoll milli jippreżentaw kontestazzjoni tat-talba fuq bażi legali, kif jitlob il-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u li jitolbu li l-Awtorità tannulla d-deċiżjoni tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet

magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-Awtorità appellata.

*L-Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata għaliex minkejja li r-rikors tagħhom seta' kien aktar ċar, it-Tribunal xorta waħda seta' jagħti deċiżjoni fil-mertu]*

12. L-appellanti jgħidu li filwaqt li huma jifhmu li r-rikors promutur tagħhom seta' kien aktar ċar, kellu jkun evidenti għall-partijiet kollha involuti, it-talba tagħhom x'kienet. Qalu li kwalsiasi nuqqas fir-rikors promutur tagħhom, bl-ebda mod ma ssarraf fi preġudizzju għall-Awtorità appellata, li ressqet id-difiża tagħha u s-sottomissjonijiet tagħha dwar kif hija setgħet tirrikorri għall-proċedura ta' żgumbrament permezz ta' ittra uffiċjali mingħajr il-ħtieġa li tinvoka l-klawsola arbitrali miftiehma fil-kuntratt.

13. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern l-Awtorità tal-Artijiet ipproċediet bil-ħruġ ta' ordni ta' żgumbrament wara li lilha rriżultawlha diversi illegalitajiet fuq il-proprjetà pubblika mikrija minnha lill-appellanti, kif ukoll irriżulta li dawn kienu morużi fil-ħlas tal-kera. Minkejja l-klawsola arbitrali fil-ftehim ta' kiri, l-Awtorità tal-Artijiet għażlet li tipproċedi bil-preżentata ta' ittra uffiċjali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Jirriżulta għalhekk, li f'każ li l-pretensjoni tal-appellanti hija li l-kwistjoni dwar il-legalità *o meno* tat-talba għall-iżgumbrament tagħhom mis-sit, kellha tiġi determinata fi proċeduri arbitrali, ma kinux ikunu huma stess li jersqu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u jippretendu li dan jiddikjara jekk l-Awtorità tal-Artijiet kinitx korretta meta resqet quddiem il-qrati ordinarji bit-talba għall-iżgumbrament. Anki li kieku t-talba li saret lit-Tribunal kienet waħda ċara, jew aktar ċara, l-unika ħaġa li seta' jagħmel it-Tribunal f'dak

l-istadju kienet li jissosprassjedi l-proċeduri sakemm jiġu fi tmiemhom kwalsiasi proċeduri arbitrali bejn il-partijiet. Fil-każ odjern it-Tribunal qal li l-Awtorità tal-Artijiet setgħet tipproċedi b'ittra uffiċjali sabiex titlob l-iżgumbrament ta' persuna minn proprjetà pubblika mikrija lilha. Fil-fatt it-Tribunal qal li hija l-proċedura stabbilita fil-Kap. 573 li għandha tiġi segwita f'każ li l-Awtorità tkun trid titlob l-iżgumbrament ta' persuna minn fond mikri lilha, u dan huwa dak li sar fil-każ odjern, fejn ġiet segwita l-liġi speċjali. L-artikolu 12 tal-Kap. 573 jistipula illi:

> *"Id-deċiżjoni tal-iżgumbrament għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba min huwa interessat, fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali, ma jopponix l-iżgumbrament billi jippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kontra l-awtorità kompetenti fejn jitlob li d-deċiżjoni tal-iżgumbrament hija waħda mingħajr bażi legali."*

14. Jirriżulta għalhekk li filwaqt li l-Awtorità appellata kienet korretta meta pproċediet b'ittra uffiċjali li permezz tagħha qiegħda titlob l-iżgumbrament tal-appellanti mill-fond mikri lilhom, daqstant ieħor kienu korretti l-appellanti meta pproċedew quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn setgħu, jekk riedu, jikkontestaw id-deċiżjoni fil-mertu. Dan iżda m'għamluhx, u l-uniku ilment imressaq mill-appellanti quddiem it-Tribunal kien marbut mal-fatt li minflok l-Awtorità tal-Artijiet ħadet il-lanjanza tagħha quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, din resqet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif wara kollox kienet obbligata li tagħmel bid-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mill-appellanti mhuwiex ġustifikat, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

15. B'riferiment speċifiku għall-aħħar parti tar-rikors tal-appell tal-appellanti, il-Qorti tirrileva li bl-emendi leġislattivi li ddaħħlu permezz tal-Att IV tal-2016, il-Qorti tal-Appell għandha l-fakultà li tordna korrezzjonijiet anki fis-sentenzi tal-ewwel qorti, u l-proviso tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 fil-fatt jipprovdi li:

> "Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijiet oħra li qorti fi grad ta' appell iqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu."

16. Għaldaqstant anki dan l-argument imressaq mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, jirrisali fuq il-fieragħ u sejjer jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**